# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn,10 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors Numru 585/2020 TA**

**Bonavia & Nephews Limited (C 25285)**

**vs**

**LBV Limited (C 72674)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta' J. Bonavia & Nephews Ltd (is-Soċjeta' Attriċi) tas-16 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienu gew inkarigati sabiex jipprovdu servizzi ta' skavar u xoghlijiet ancellari fuq l-ghan tax-xoghol tas-socjeta` intimata gewwa l-Mellieha;

2. Illi relattivament ghal dawn is-servizzi, is-socjeta` intimata hija debitur tas-socjeta` rikorrenti u li ghandu jhallas is-somma ta' tletin elf ewro (€30,0000c)(Dok A);

3. Illi ghalkemm is-socjeta` intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont minnhu dovut, kemm b'ittra legali datata 16 ta' Settembru 2019 (Dok B), kif ukoll b'permezz ta' Ittra Ufficjali datat 9 ta' Gunju 2020 (Dok C) baqgha inadempjenti;

4. Illi l-ammont fuq indikat hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida x'jaghti skond il-ligi kontra l-istess talbiet tar-rikorrenti u x'jissoleva f'din

il-kawza u dana kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dok D;

5. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bid-dispensa mis-smiegh tal-provi;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, s-socjeta` rikorrenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh mill-provi ghal finijiet tal-Artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara illi s-socjeta` intimata huwa cert, veru u likwidu debitur fis-somma ta' tletin elf ewro (€30,000c) a favur tas-socjeta` rikorrenti;

3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti din is-somma ta' tletin elf ewro (€30,000c) minnhu dovut kif aktar il-fuq spjegat.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Ittra Interpellatorja datat 16 ta' Settembru kif ukoll l-Ittra Ufficjali datata 9 ta' Gunju 2020 kif ukoll l-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' LBV Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tat-2 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1) Illi nhar is-16 ta' Lulju 2020, is-soċjeta` attriċi pproċediet bil-kawża odjerna waqt li kkawtelat l-istess pretensjoni b'mandat ta' sekwestru numru 892/2020;

2) Illi in esekuzzjoni tal-istess mandat, nhar il-5 ta' Awissu 2020 permezz ta' ċedola bin-numru 112/2020 (esebita man-nota tal-esponenti bħala Dok. "A") u nhar id-9 ta' Settembru 2020 permezz ta' ċedola bin-numru 1310/2020 (esebita man-nota tal-esponenti bħala Dok. "B") **ġiet depożitata s-somma ta' €30,000 ekwivalenti għas-sorte**;

3) Illi l-esponenti tramite l-avukat tagħha pproċediet sabiex titlob mingħand l-attriċi l-opportun kontro-mandat **waqt li jsir l-iżbank tas-somma għas-saldu tas-sorte**;

4) Illi s-soċjeta` attriċi tramite l-avukat tagħha **rrifjutat li tiżbanka s-somma** u ppretendiet li waqt li jsir l-iżbank mill-esponenti, jinħareġ *cheque* tal-avukat sottofirmat għall-ammont tas-*sorte*, xi ħaġa li ma setgħetx issir peress li l-esponenti kellha ġja €30,000 maqbuda f'idejn

ir-Reġistratur li kienet disposta tirrilaxxjahom a favur tal-attriċi imma kienetx f'pożizzjoni li ġġib €30,000 oħra;

5) Illi rinfaċċjata b'din is-sitwazzjoni, l-esponenti ottjeniet il-ħruġ tal-opportun kontromandat nhar it-23 ta' Settembru 2020 (esebit man-nota tal-esponenti bħala Dok. "C");

6) Illi ciononostante d-direttur tal-esponenti Justin Attard, indirizza lil Gordon Bonavia, direttur tas-soċjeta` attriċi, sabiex **jinstab ftehim bonarju u ma jinħeliex aktar ħin tal-Qorti u baqa' joffri li jsir l-iżbank**. Madankollu, nhar l-24 ta' Settembru 2020 (esebita man-nota tal-esponenti bħala Dok. "D"), **rappreżentanti tas-soċjeta` attriċi infurmaw lill-esponenti li kienu disposti li jipproċedu għall-iżbank kemm-il darba l-esponenti tħallas is-somma ta' €5,500 rappreżentanti spejjeż ta' "*riċerki, avukat u Qorti*";**

7) Illi l-esponenti ottjeniet taxxa *come ceduta* (esebita man-nota tal-esponenti bħala Dok. "E") minn fejn **irriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal €728.09**;

8) Illi b'ittra tal-20 ta' Jannar 2021 (esebita man-nota tal-esponenti bħala Dok. "F") l-esponenti informat lis-soċjeta` attriċi li kienet disposta (i) tħallas is-somma ta' €728.09 bħala spejjeż u (ii) tagħti l-kunsens tagħha għall-iżbank tas-somma ta' €30,000. L-ispejjeż kienu maħduma skond it-taxxa *come ceduta* (esebita man-nota tal-esponenti bħala Dok. "E");

9) Illi ciononostante, is-soċjeta` attriċi rrifjutat il-ħlas u tramite l-avukat tagħha wieġbet kif ġej: "*għażiż kollega, jinteressana biss ammissjoni u u/jew sentenza, capo spese inkluż tal-mandati/eventwali żbank u interessi. Tislijiet*". Kopja tal-email tal-avukat Joseph Bonnici tas-27 ta' Jannar 2021 tinsab annessa (esebita man-nota tal-esponenti bħala Dok. "G");

10) Illi d-direttur tas-soċjeta` esponenti reġa' indirizza lid-direttur tas-soċjeta` attriċi iżda dan baqa' jinsisti li sabiex jaċċetta li jiżbanka s-sorte irid jiġbor €5,500 spejjeż li qed jgħid li għamel, liema allegati spejjeż jiġu aktar minn ħames darbiet dak li tgħid it-taxxa *come ceduta*;

11) Illi f'dan kollu is-soċjeta` attriċi baqgħet tittenta n-notifika f'inidirizz li m'għadux l-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija esponenti u meta l-avukat sottofirmat deher għas-seduta tal-11 ta' Frar 2021 bl-intenzjoni li jġib is-suespost a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, ma nstemgħax;

12) Illi fl-aħħar udjenza, l-esponenti waqt li tat ruħha b'notifikata u ddikjarat li kienet qed tammetti s-sorte, reġgħet offriet li jsir l-iżbank u li jitħallsu l-ispejjeż skont it-taxxa *come ceduta* u anke l-imgħax għall-perjodu bejn id-data indikata fit-talba u cjoe d-9 ta' Ġunju 2020 (meta imbagħad inħareġ kontromandat), dawn baqgħu jirrifjutaw;

13) Illi in vista tal-fatt li din il-kwistjoni ttawlet minħabba l-aġir tas-soċjeta` attriċi, l-ispejjeż komplew jikbru waqt li l-imgħax kompla jiddekorri meta fil-verita, kieku sar l-iżbank meta setgħa jsir, l-imgħaxijiet kienu jkunu ċirkoskritti u l-ispejjeż temperati. Illum l-ispejjeż komplew jikbru waqt li mill-email tal-avukat Bonnici kien qed jirrifjuta li jseħħ l-iżbank, jidher li qed jippretendu aktar imgħaxijiet, xi ħaġa li l-esponenti qed tikkontesta;

14) Illi permezz ta' nota ai termini tal-Art. 170 tal-Kap. 12 l-esponenti ammettiet it-tielet talba għall-ħlas tas-somma ta' tletin elf euro (€30,000) waqt li rrilevat li mgħandha ebda oġġezzjoni għall-iżbank tas-somom depożitati biċ-ċedoli numru 1120/2020 u 1310/2020 li jkopri tali ammont;

15) Illi fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021 l-esponenti ngħatat il-fakulta tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha fir-rigward tal-imgħaxijiet u spejjeż ta' dawn il-proċeduri.

Illi tant sottomess l-esponenti teċepixxi dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti tammetti s-sorte fis-somma ta' tletin elf euro (€30,000);

2. Subordinatament, l-esponenti m'għadhiex tiġi kkundannata tħallas l-imgħaxijiet kif mitluba stante li l-ittra uffiċjali qatt ma ġiet notifikata lill-esponenti u li fi kwalunkwe każ, id-dewmien tal-ħlas kien dovut għas-soċjeta` attriċi;

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ispejjeż mgħandhomx jiġu akkollati lill-esponenti (almenu mhux fl-intier) stante li l-pagament ilu jiġi offrut u ma ġiex żbankat mill-attriċi mingħajr ġusta kawża waqt li kienu qed jintalbu spejjeż mingħajr bażi għalihom;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-proċeduri.

Semgħet ix-xhieda prodotti fil-kors tas-smiegħ tal-Kawża.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw il-punt dwar il-kap tal-ispejjes.

**Konsiderazzjonijiet**

**1.** Jibda biex jingħad li kif jirrisulta min-nota presentata mis-Soċjeta' konvenuta, is-sorte tal-kawża ġie ammess. Li baqa' in dibattitu bejn il-partijiet huwa l-kap tal-ispejjes u l-imgħaxijiet fuq is-somma ta' tletin elf euro (€30,000).

**2.** Kif tirrileva s-Soċjeta' konvenuta din il-Kawża ġiet intavolata fis-16 ta' Lulju 2020 u li magħha ġie presentat kontestwalment il-mandat ta' sekwestru 829/20 fl-ismijiet premessi. Is-Soċjeta' Attriċi, li kienet interpellata qabel ma saret il-Kawża ħalliet li din issir. La kienet lesta li tammetti s-sorte wara li inbdiet il-Kawża ma kien hemm xejn li tħallas qabel, biex b'hekk jiġu evitati spejjes inutli. Di fatti ġiet mitluba tgħaddi għall-ħlas kemm b'ittra bonarja tas-16 ta' Settembru 2019 u kif ukoll b'ittra uffiċjali tad-9 ta' Ġunju 2020 (ara a' fol 5 u 6).

**3.** Il-kwistjoni kollha tirrigwarda jekk din il-Kawża kellhiex tkompli fid-dawl tas-segwenti fatti.

**4.** B'konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi ġew depositati numru ta' ammont taħt l-awtorita' ta' din il-Qorti. B'ċedola minnhom, dik tal-Awtorita' tat-Trasport ġie depositat l-ammont kollu reklamat meno l-ispejjes (ara ċedola fol 57). Jidher li meta s-Soċjeta' konvenuta kienet lesta li tagħti l-kunsens tagħha biex dawn il-flus jiġu żbankati, is-Soċjeta' Attriċi bdiet tinsisti għas-somma oħra ta' 5,500 spejjes skont l-ittra tal-24 ta' Settembru 2020 (ara a' fol 73).

**5.** Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ispejjes li huma dovuti lis-Soċjeta' Attriċi huma dawk relatati ma' din il-Kawża skont taxxa maħruġa formalment. Huwa minnu ukoll li s-Soċjeta' konvenuta offriet li tħallas l-ispejjes skont tali taxxa (a' fol 75). Din l-offerta ġiet (Ara fol 76). Il-Qorti pero' ma tistax ma tinnotax li fl-ittra tal-20 ta' Jannar 2021, is-Soċjeta' konvenuta ma għamlet ebda referenza għall-imgħaxijiet li kienu laħqu ddekkorrew sa dak in-nhar. Li kieku tali offerta saret mingħajr ebda preġudizzju għall-imgħaxijiet li talvolta setgħu ikunu dovuti l-Qorti setgħet tikkonsidra din il-vertenza minn ottika differenti għaliex is-Soċjeta' Attriċi ma kien ikollha ebda pretest li tirrifjuta l-ħlas.

**6.** Kwistjoni li ma hiex daqshekk negleġibbli. Fuq somma bħal dik li qed tintalab, l-imgħaxijiet huma ta' 8%. Il-Qorti tfakkar li stante li si tratta ta' obbligazzjoni kummerċjali dawn huma dovuti mid-data li għandu jsir il-ħlas mingħajr ħtieġa ta' interpellazzjoni. Din il-Qorti qed tistabilixxi d-data minn meta hu dovut l-imgħax bħala dik tal-24 ta' Frar 2020 (ara dok A a' fol 4). Kwantu għal dawn ix-xorta ta' imgħaxijiet il-Qorti tfakkar f'dak li jiddisponi artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili u ċioe' li *jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita* (Ara ukoll **Sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-6 ta' Ottubru, fl-ismijiet Martin u Filippa konjuġi Chetcuti -vs- Rosario u Josephine konjuġi Gatt**). Għalhekk l-imgħax jammonta,

sad-data li għandha tingħata s-Sentenza għal kważi tlett snin bit-tmienja fil-mija.

**7.** Il-Qorti min-naħa l-oħra ma tistax ma tqiesx ukoll li anke s-Soċjeta' Attriċi uriet ċertu intransiġenza. Dan għamlitu meta kwantu għall-ispejjes bdiet tinsisti għal spejjes oħrajn li fid-dawl ta' kif inhu msejjes ir-rikors ma jidhrux li huma dovuti. L-uniku spejjes dovuti b' konnessjoni ma'dawn il-proċeduri huma dawk li jirrisultaw minn taxxa uffiċjali. Dan huwa fattur li din il-Qorti ser tkun ukoll qed tieħu inkonsiderazzjoni.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tal-**ewwel talba** stante li din ġiet sorvolata bid-digriet tat-13 ta' Mejju 2021 in atti.

Kwantu għat-**tieni talba** safejn tirrigwarda s-sorte, tastjeni milli tipprovdi dwaru stante li dan ġie ammess permezz tan-nota li tinsab a' fol 46. Kwantu għall-imgħaxijiet dawn huma dovuti skont il-liġi b'effett mill-24 ta' Frar 2020 kif fuq spjegat.

Spejjes tal-Kawża, kwantu għal erbgħa minn għaxar partijiet (4/10) jitħallsu mis-Soċjeta' Attriċi u kwantu għar-rimanenti sitta minn għaxar partijiet (6/10) jitħallsu mis-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**